# Iċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ f'Ħal Tarxien

Minn Joe Balzan

■ Iċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien, jew aħjar, kif huwa magħruf bħala ta' l-"Erwieħ", jaf il-bidu tiegħu ma' oħrajn imxerrda f'diversi bliet u rħula oħra, meta fil-gżejjer Maltin kienet bdiet taħdem il-marda tal-pesta. Wara, maż-żmien baqa' jintuża għad-dfin, kif għadu sallum. Imma ejjew naraw ftit mhux biss dwar il-passat ta' dan iċ-ċimiterju, imma wkoll xi tbatijiet li għadda minnhom il-poplu, mhux biss ta' Ħal Tarxien, imma tal-gżejjer Maltin.

Din il-marda tal-pesta, ħakmet il-gżejjer tagħna tliet darbiet, imma f'darbtejn minnhom kienet għamlet qerda tremenda. Tant, li f'dik li ser nitkellmu fuqha, dwar meta kellha tinħoloq "l-għalqa ta' l-infetti" biex fiha tilqa' l-kadavri tal-vittmi biex jiġu midfuna. Dan ġara fl-1675-76, meta din il-marda tal-pesta ħalliet qrib it-1 vittma u l-oħra kienet ħabtet fil-gżejjer fl-1813, fi żmien il-bidu ta' l-Ingliżi.

L-ewwel mewt f'din l-epoka ta' din il-marda ġiet reġistrata nhar it-tmienja u għoxrin ta' Diċembru 1675, ġewwa dar ta' wieħed negozjant tad-drapp li kien jgħix fin-naħa t'isfel tal-Belt Valletta. Kien jismu Matteo Bonnici u kien anke jrabbi merħla żgħira ta' mogħoż u nagħaġ bħala delizzju. Kien miżżewweġ darbtejn u mill-ewwel żwieġ kellu żewġt itfal, waqt li mit-tieni kellu ħamest itfal.

Anna, tifla mit-tieni żwieġ, kienet l-ewwel vittma meta nhar l-24 ta' Diċembru 1675 ħakima deni qawwi fit-28 ta' l-istess xahar mietet. Sar il-funeral għall-Knisja ta' Ġieżu u minn dan il-jum sa ma' l-marda għebet minn fostna, qerdet 20 fil-mija tal-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin.

F'Ħal Tarxien, meta tqis il-popolazzjoni tiegħu, kemm bħala pajjiż, kif ukoll bħala popolazzjoni, mietu 162 ruħ minn 850 ruħ. Ħal Tarxien, li bħala raħal kien magħruf bħala "Raħal San Ġwann" kien jasal sa San Ġwann t'Għuxa - Bormla u jinkludi Raħal Ġdid, il-Fgura u Sta. Luċija. Ħal Tarxien, f'dik l-epoka bilfors li batà. Tant hu hekk, li dawn in-nies kienu magħrufa għat-trobbija tal-merħliet. Dawn kienu jkunu miżmuma ma' sidhom fl-istess residenza. Barra dan, meta kien ikun hemm xi ħadd ifettat kien jiġi magħluq ġewwa u ħadd ma jidħol ħdejh, forsi jnewlulu xi ftit ikel minn xi tieqa, minħabba l-biża' kbir li kien ikollhom. Meta jmut kien jiġi mbarrat sakemm jiġu l-ħabsin biex iġorru l-kadavri.

Kienu mumenti ta' tbatijiet li saħansitra l-istess kappillan, wara l-aħħar vittma ta' din il-pesta li mietet f'Awissu 1676, kiteb hekk... *Finis cessavit et nunquam redierit* (Tmiem, il-pesta spiċċat biex ma terġax tkun fostna). Dan il-kliem seħħ għal 137 sena għax fl-1813 reġgħet ġiet bil-qilla tagħha.

Naturalment, dawk milqutin mill-marda u rnexxielhom jiskappaw, għall-ewwel ma' setgħux jitħalltu man-nies, anqas fil-knisja. F'dak iż-żmien kien hemm kappella dedikata lil San Nikola u din kienet isservi għal dawn biss. Min jaf kemm nies mietu u ġew imbarrati fid-djar. Naturalment, il-vittmi dak iż-żmien kienu jiġu midfuna fl-għalqa jew ċimiterju ta' l-infetti. F'Ħal Tarxien dan il-post illum insibuh bl-isem ta' l-"Erwieħ".

Biex inkomplu ngħidu fuq iċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ, insibu li fin-nofs għad hemm dik il-parti magħrufa fejn kienu jiġu midfuna dawn il-vittmi. Din tinsab eżatt kif tidħol mill-bieb prinċipali ta' dan iċ-Ċimiterju.

Bħalma għedna aktar qabel, billi Raħal Ġdid kien parti minn Ħal Tarxien u hemmhekk ġie mibni l-Ħabs, dawk li kienu jkunu kkundannati għat-tgħalliq kienu jiġu mgħallqin quddiem il-bieb prinċipali tal-ħabs, fit-telgħa ta' Raħal Ġdid. Wara, dawn kien jiġu midfunin fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien. Dan dam isir sa ma' ġie mibni ċ-ċimiterju ta' l-imgħallqin, fl-istess ħabs.

Għal paġna 66...

F'Ħal Tarxien indifnu Ġużeppi Attard (tnejn u għoxrin sena), Ġużeppi Chetcuti (erbgħin sena), Ġannmarì Borg (tmienja u erbgħin sena), u naturalment hemm Ingliżi mas-servizzi li ġew proċessati u mgħallqin hawn Malta - John Burns (tnejn u għoxrin sena), fl-għaxra ta' Settembru 1864, Vinċenza Azzopardi (wieħed u għoxrin sena), fit-tnejn ta' Marzu 1866, Vinċenzo Azzopardi (wieħed u erbgħin sena), fit-tlieta u għoxrin ta' Mejju 1867, Carmelo Camilleri (erba' u tletin sena), fl-erbgħa u għoxrin ta' Awissu 1870, u Edmond Haulon, suldat Irlandiż - fit-tmienja u għoxrin ta' Frar 1874.



*Il-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ kif kienet sas-snin sittin*

Illum f'dan iċ-ċimiterju, wieħed isib kappella l-ġmiel tagħha. Din ġiet mibnija bl-inizjattiva tar-Rettur - Dun Ġużepp Theuma. L-ewwel ġebla tpoġġiet fit-13 ta' Diċembru 1964, u l-parrini kienu - l-Avukat Carmelo Caruana u t-Tabib Jimmy Farrugia. Waqt li l-Arċisqof Gonzi poġġa u bierek il-ġebla. Il-bennej kien l-Għawdxi - Ġużeppi Vella.

Il-Perit Italo Ranieri kien inkarigat biex imexxi x-xogħlijiet. Il-pjanti saru mill-Perit Mons. Valerio Vigorelli. Il-knisja ta' mitt pied tul u sittin pied wisa', insibu ukoll altar (mensa) li d-disinn tiegħu sar minn Mons. V. Vigorelli u maħdum mid-Ditta Alberghina ta' Calta Girone.

Taħtha nsibu skultura mill-ġebla Maltija ta' l-iskultur Marco Montebello. Il-kappella l-ġdida ġiet imbierka u nawgurata fis-sebgħa u għoxrin ta' Novembru 1987, minn Mons. Arċisqof, Ġużeppi Mercieca.

Naturalment, din il-kappella ħadet post oħra li kienet saret żgħira għall-popolazzjoni tal-madwar. Din il-kappella kellha xogħol ta' skultura mill-isbaħ, li kienet iżżejjen l-altari tal-parroċċa. Imma ġie żmien fejn bdew jitneħħew xi kolonnar u affarijiet oħra mill-Perit Busuttil u tpoġġew f'din il-Kappella, fl-elf, tmien mija u disgħin. Din il-kappella kellha kwadru titulari li juri l-Madonna bl-Erwieħ, ta' Francesco Faurè (1849-1915) miż-Żejtun. Illum, dan iċ-Ċimiterju huwa, biex ngħid hekk, iċ-ċimiterju tal-Parroċċa u wieħed mill-aktar postijiet għeżież għat-Tarxiniżi, għar-raġuni ovvja - li ġewwa fih hemm midfunin l-għeżież tagħhom.


*Referenzi:*
*Hal Tarxien - V. Battistino*
*The Plague - Jos. Micallef*
*Mid. Med Bank Ltd. - Report and Accounts 197.*